

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Ottubru 2010

li taħtar membru Rumen tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015

(2010/632/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 300(2) u 302 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 7 tal-Protokoll dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rumanija,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-mandat tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2010.
- (2) Fit-13 ta' Settembru 2010 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/570/UE, Euratom, li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015 ⁽¹⁾ minbarra membru Rumen li l-awtoritajiet Rumeni żammew id-drift li jipproponu fi stadju aktar tard.

- (3) Fittra mibgħuta lill-Kunsill fit-28 ta' Settembru 2010, l-awtoritajiet Rumeni ipproponew lill-Kunsill kandidat sabiex jiġi maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perijodu msemmi hawn fuq u dan sabiex timtela l-lista tal-membri allokat li-Rumanija skont it-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Eugen LUCAN huwa maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2010 sal-20 ta' Settembru 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-15 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SCHOUPPE

⁽¹⁾ ĠU L 251, 25.9.2010, p. 8.